La loro efficacia positiva si manifesta quando i sacerdoti trovano nei movimenti "la luce e il calore" che li aiutano a maturare in una fervorosa vita cristiana e, in particolare, in un autentico "sensus Ecclesiae", che li spinge ad una più salda fedeltà ai legittimi Pastori, rendendoli attenti alla disciplina ecclesiastica sì da assolvere con slancio missionario alle incombenze proprie del loro ministero. I movimenti ecclesiali risultanto inoltre, "fonte di aiuto e sostegno nel cammino formativo verso il sacerdozio", in particolare per coloro che provengono da specifiche realtà aggregative, fermo restando il rispetto dovuto alla disciplina stabilita nella Chiesa per i Seminari.

È importante, pertanto, evitare che la partecipazione del sacerdote, del diacono e del seminarista a movimenti o aggregazioni ecclesiali si risolva in una chiusura tanto presuntuosa quanto ristretta. Essa deve piuttosto aprire il loro spirito all'accoglienza, al rispetto e alla valorizzazione di altre modalità di partecipazione dei fedeli nella compagine ecclesiale, spingendoli ad essere sempre più uomini di comunione, "pastori dell'insieme" (cfr *Pastores dabo vobis*, 62).

3. Con queste premesse, l'inserimento nei movimenti ecclesiali si tradurrà per i sacerdoti in una possibilità di arricchimento spirituale e pastorale. Partecipando ad essi, infatti, i presbiteri possono meglio imparare a vivere la chiesa nella coessenzialità dei doni sacramentali, gerarchici e carismatici che le sono propri, secondo la pluriformità dei ministeri, stati di vita e compiti che la edificano.

"Toccati" e "attratti" dallo stesso carisma, partecipi di una stessa storia, inseriti in una stessa compagine, sacerdoti e laici condividono un'interessante sperienza di con-fraternità tra "christifideles" che si edificano, a vicenda, senza mai confondersi.

Sarebbe tuttavia grave perdita, se si andasse verso una "clericalizzazione" dei movimenti. Ugualmente, sarebbe un danno se la testimonianza e il ministero dei sacerdoti venissero in qualche modo offuscati e progressivamente assimilati a uno stato laicale. Il sacerdote deve porsi all'interno di un movimento, al di là delle funzioni e mansioni che in esso è chiamato ad assumere, come una presenza singolare di Cristo, Capo e Pastore, ministro della Parola di Dio e dei Sacramenti, educatore nella fede, tramite di collegamento con il ministero gerarchico. Anzi, è proprio dal loro apporto che può dipendere in grande misura la crescita dei movimenti in quella "maturità ecclesiale" che è stata da me evocata nel citato incontro della Pentecoste del 1998.

Incoraggio, pertanto, codesto Dicastero a seguire con attenzione il cammino dei movimenti ecclesiali, favorendo un intenso dialogo con loro e accompagnandoli con pastorale saggezza, non facendo mancare loro, quando necessario, gli opportuni discernimenti, chiarimenti ed orientamenti.

Affido a Maria, la Vergine Fedele, l'incontro e, mentre volentieri assicuro un ricordo nella preghiera per coloro che vi interverranno, invio a tutti una speciale Benedizione Apostolica.

Dal Vaticano, 21 Giugno 2001

Joannes Paulus II

# MESSAGE
## of the Holy Father to the Youth of the World on the occasion of the XVII World Youth Day 2002

*"You are the salt of the earth ...*
*You are the light of the world"*
(Mt 5:13-14)

---

Dear Young People!

1. I have vivid memories of the wonderful moments we shared in Rome during the Jubilee of the Year 2000, when you came on pilgrimage to the Tombs of the Apostles Peter and Paul. In long silent lines you passed through the Holy Door and prepared to receive the Sacrament of Reconciliation; then the Evening Vigil and Morning Mass at Tor Vergata were moments of intense spirituality and a deep experience of the Church; with renewed faith, you went home to undertake the mission I entrusted to you: to become, at the dawn of the new millennium, fearless witnesses to the Gospel.

By now World Youth Day has become an important part of your life and of the life of the Church. I invite you therefore to get ready for the seventeenth celebration of this great international event, to be held in Toronto, Canada, in the summer of next year. It will be another chance to meet Christ, to bear witness to his presence in today's society, and to become builders of the "civilization of love and truth".

2. "*You are the salt of the earth. ... You are the light of the world* " (*Mt* 5:13-14): this is the theme I have chosen for the next World Youth Day. The images of salt and light used by Jesus are rich in meaning and complement each other. In ancient times, salt and light were seen as essential elements of life.

"*You are the salt of the earth ...*". One of the main functions of salt is to season food, to give it taste and flavour. This image reminds us that,

through Baptism, our whole being has been profoundly changed, because it has been "seasoned" with the new life which comes from Christ (cf. *Rom* 6:4). The salt which keeps our Christian identity intact even in a very secularized world is the grace of Baptism. Through Baptism we are re-born. We begin to live *in Christ* and become capable of responding to his call to "offer [our] bodies as a living sacrifice, holy and acceptable to God" (*Rom* 12:1). Writing to the Christians of Rome, Saint Paul urges them to show clearly that their way of living and thinking was different from that of their contemporaries: "Do not be conformed to this world, but be transformed by the renewal of your mind, that you may discern what is the will of God, what is good and pleasing and perfect" (*Rom* 12:2).

For a long time, salt was also used to preserve food. As the salt of the earth, you are called to preserve the faith, which you have received, and to pass it on intact to others. Your generation is being challenged in a special way to keep safe the deposit of faith (cf. *2 Th* 2:15; *1 Tim* 6:20; *2 Tim* 1:14).

Discover your Christian roots, learn about the Church's history, deepen your knowledge of the spiritual heritage which has been passed on to you, follow in the footsteps of the witnesses and teachers who have gone before you! Only by staying faithful to God's commandments, to the Covenant which Christ sealed with his blood poured out on the Cross, will you be the apostles and witnesses of the new millennium.

It is the nature of human beings, and especially youth, to seek the Absolute, the meaning and fullness of life. Dear young people, do not be content with anything less than the highest ideals! Do not let yourselves be dispirited by those who are disillusioned with life and have grown deaf to the deepest and most authentic desires of their heart. You are right to be disappointed with hollow entertainment and passing fads, and with aiming at too little in life. If you have an ardent desire for the Lord you will steer clear of the mediocrity and conformism so widespread in our society.

3. "*You are the light of the world* ...". For those who first heard Jesus, as for us, the symbol of light evokes the desire for truth and the thirst for the fullness of knowledge which are imprinted deep within every human being.

When the light fades or vanishes altogether, we no longer see things as they really are. In the heart of the night we can feel frightened and insecure, and we impatiently await the coming of the light of dawn. Dear young people, it is up to you to be the watchmen of the morning (cf. *Is* 21:11-12) who announce the coming of the sun who is the Risen Christ!

The light which Jesus speaks of in the Gospel is the light of faith, God's free gift, which enlightens the heart and clarifies the mind. "It is the God who said, 'Let light shine out of darkness', who has shone in our hearts to give the light of the knowledge of the glory of God on the face of Christ" (2 *Cor* 4:6). That is why the words of Jesus explaining his identity and his mission are so important: "I am the light of the world. Whoever follows me will not walk in darkness, but will have the light of life: (*Jn* 8:12).

Our personal encounter with Christ bathes life in new light, sets us on the right path, and sends us out to be his witnesses. This new way of looking at the world and at people, which comes to us from him, leads us more deeply into the mystery of faith, which is not just a collection of theoretical assertions to be accepted and approved by the mind, but an experience to be had, a truth to be lived, the salt and light of all reality (cf. *Veritatis Splendor*, 88).

In this secularized age, when many of our contemporaries think and act as if God did not exist or are attracted to irrational forms of religion, it is you, dear young people, who must show that faith is a personal decision which involves your whole life. Let the Gospel be the measure and guide of life's decisions and plans! Then you will be missionaries in all that you do and say, and wherever you work and live you will be signs of God's love, credible witnesses to the loving presence of Jesus Christ. Never forget: "No one lights a lamp and then puts it under a bushel" (*Mt* 5:15)!

Just as salt gives flavour to food and light illumines the darkness, so too holiness gives full meaning to life and makes it reflect God's glory. How many saints, especially young saints, can we count in the Church history! In their love for God their heroic virtues shone before the world, and so they became models of life which the Church has held up for imitation by all. Let us remember only a few of them: Agnes of Rome, Andrew of Phú Yên, Pedro Calungsod, Josephine Bakhita, Thérèse of Lisieux, Pier Giorgio Frassati, Marcel Callo, Francisco Castellò Aleu or again Kateri Tekakwitha, the young Iroquois called

"the lily of the Mohawks". Through the intercession of this great host of witnesses, may God make you too, dear young people, the saints of the third millennium!

4. Dear friends, it is time to get ready for the Seventeenth World Youth Day. I invite you to read and study the Apostolic Letter *Novo Millennio Ineunte*, which I wrote at the beginning of the year to accompany all Christians on this new stage of the life of the Church and humanity: "A new century, a new millennium are opening in the light of Christ. But not everyone can see this light. Ours is the wonderful and demanding task of becoming its 'reflection' " (No. 54).

Yes, now is the time for mission! In your Dioceses and parishes, in your movements, associations and communities, Christ is calling you. The Church welcomes you and wishes to be your home and your school of communion and prayer. Study the Word of God and let it enlighten your minds and hearts. Draw strength from the sacramental grace of Reconciliation and the Eucharist. Visit the Lord in that "heart to heart" contact that is Eucharistic Adoration. Day after day, you will receive new energy to help you to bring comfort to the suffering and peace to the world. Many people are wounded by life: they are excluded from economic progress, and are without a home, a family, a job; there are people who are lost in a world of false illusions, or have abandoned all hope. By contemplating the light radiant on the face of the Risen Christ, you will learn to live as children of the light and children of the day" (*1 Th* 5:5), and in this way you will show that "the fruit of light is found in all that is good and right and true" (*Eph* 5:9).

5. Dear young friends, Toronto is waiting for all of you who can make it! In the heart of a multi-cultural and multi-faith city, we shall speak of Christ as the one Saviour and proclaim the universal salvation of which the Church is the sacrament. In response to the pressing invitation of the Lord who ardently desires "that all may be one" (*Jn* 17:11), we shall pray for full communion among Christians in truth and charity.

Come, and make the great avenues of Toronto resound with the joyful tidings that Christ loves every person and brings to fulfilment every trace of goodness, beauty and truth found in the city of man. Come, and tell the world of the happiness you have found in meeting Jesus Christ, of your

desire to know him better, of how you are committed to proclaiming the Gospel of salvation to the ends of the earth!

The young people of Canada, together with their Bishops and the civil authorities, are already preparing to welcome you with great warmth and hospitality. For this I thank them all from my heart. May this first World Youth Day of the new millennium bring to everyone a message of faith, hope and love!

My blessing goes with you. And to Mary Mother of the church I entrust each one of you, your vocation and your mission.

From Castel Gandolfo, 25 July 2001

Joannes Paulus II

# ITTRA PASTORALI mill-E.T. Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta u mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema 2001

## L-EVANĠELJU F'ĦAJJITNA

Maħbubin Uliedna,

Fl-okkażjoni tal-festa tant għażiża tat-tlugħ ta' Sidtna Marija fis-Sema, din is-sena nixtiequ naqsmu magħkom, bħala aħwa fi Kristu, ftit riflessjonijiet dwar il-pariri ta' Missier Spiritwali li l-Papa Ġwanni II offrielna fil-Pellegrinaġġ li għamel fostna tliet xhur ilu, fit-8 u d-9 ta' Mejju 2001.

Nistgħu ngħidu li l-Papa, l-ewwel ma kellimna kien bl-eżempju tiegħu. Huwa għamel sagrifiċċji kbar biex ġie fostna ħalli jibbeatifika lil tlieta minn ħutna. Il-miġja tiegħu mill-ġdid f'artna, minkejja li biex ġie kien jinħtieġlu jġorr is-salib tqil ta' tbatija fiżika partikolari, urietna li jkun tqil kemm ikun tqil is-sagrifiċċju, il-Papa ma jibżax minnu.

Hawnhekk diġà għandna tagħlima prezzjuża, li ma nistgħux inkunu tabilħaqq dixxipli ta' Kristu, jekk irridu nevitaw kull sagrifiċċju u nfittxu biss li nissodisfaw il-gosti tagħna.

Fil-Papa stajna ninnotaw enerġija spirtwali qawwija li l-għajn ewlenija tagħha hija l-fiduċja sħiħa tiegħu fil-Mulej Irxoxt u fl-imħabba kbira tiegħu lejn Marija Santissima. Din hija għajn li minnha nistgħu nixorbu lkoll kemm aħna. Hija għajn ta' ilma safi u bnin li tgħinna nissaffew spiritwalment u, quddiem is-sagrifiċċji li jitolbu minna r-rieda ta' Alla u l-misteru tat-tbatija, nagħrfu nerfgħu ruħna 'l fuq u nimxu 'l quddiem bis-sod.

It-triq prinċipali lejn din l-għajn ta' enerġija spiritwali hija t-talb. L-eżempju li jagħtina l-Papa f'dan ir-rigward jibqa' ħaj f'moħħ kulħadd. Kull darba li l-Papa jidħol f'post sagru, l-ewwel ħaġa; li jagħmel hija li jieqaf jitlob. Dawn ikunu mumenti fejn il-Papa jinqata' kompletament

mill-ambjent ta' madwaru u jidħol f'komunikazzjoni profonda mal-Ħallieq.

Nagħmlu tajjeb jekk, kull wieħed u waħda minna, f'dan l-eżempju tal-Papa nfittxu l-ispirazzjoni u l-ħeġġa li ninħtieġu biex nikbru aħna wkoll fit-talb.

Kif naqraw fl-Evanġelju, Kristu nnifsu, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, ukoll kien iħoss il-bżonn kontinwu li jingabar fit-talb quddiem il-Missier.

## Tradizzjoni kulturali sinjura

L-Evanġelju minn dejjem kellu importanza kbira fil-ħajja tal-poplu tagħna, minkejja d-dgħufijiet u d-difetti tagħna fil-mod kif ngħixuh.

L-għaġna tal-poplu tagħna mat-tagħlim ta' l-Evanġelju hija magħrufa. Kif qal il-Papa fit-8 ta' Mejju li għadda hekk kif reġa' rifes fuq artna, il-pożizzjoni ta' Malta fl-Ewropa u fil-Mediterran tagħmilha werrieta, b'mod speċjali, ta' tradizzjoni kulturali għanja waħdanija li l-qalb tagħha hi l-umaneżmu tal-Evanġelju.

Il-Papa ma qalx dan b'kumbinazzjoni. Infatti, huwa kien pront ifakkarna li għandna wirt spiritwali u morali li għandu l-ħila jfejjaq u jgħolli d-dinjità tal-persuna umana biex isaħħaħ in-nisġa tas-soċjetà u biex iżejjen l-attività umana b'sens u tifsir aktar profond.

Nagħmlu sew jekk nifhu widnejna beraħ għall-pariri li tana l-Papa meta ħeġġiġna biex ngħożżu s-sejħa Nisranija tagħna; biex inkunu kburin bil-wirt reliġjuż u kulturali tagħna; biex inħarsu lejn il-ġejjieni b'tama; u biex nimxu b'ħeġġa ġdida ħalli nagħmlu dan il-Millennju ġdid żmien ta' solidarjetà u paċi, ta' mħabba għall-ħajja u ta' rispett għall-ħolqien ta' Alla.

Ir-riċetta lejn dan kollu trid tkun dik ta' tiġdid evanġeliku profond u konkret li jgħinna nsiru bnedmin ġodda u jwassalna għal frott spirtwali bnin u frisk.

Ir-riċetta trid tkun ukoll il-kapaċità tagħna, bħala individwi u bħala soċjetà, li nagħrfu xi jrid Alla minna fiċ-ċirkustanzi u l-isfidi partikolari ta' żmienna, f'dinja fejn ir-ruħ ħafna drabi qed tispiċċa maħnuqa minn mentalitajiet u mġibiet maqtugħin mid-disinn tal-Ħallieq għall-bniedem.

L-interess spiritwali, qatt m'għandhom jiġu ssagrifikat biex niksbu xi vantaġġi materjali.

## Evanġelizzazzjoni ġdida

Fid-diskors li għamel dakinhar tal-Beatifkazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Swor Marija Adeodata Pisani, il-Papa wriena t-tama qawwija tiegħu li l-Assemblea tas-Sinodu fl-Arċidjoċesi ta' Malta u l-Viżta Pastorali li l-Isqof ta' Għawdex qed jagħmel fid-djoċesi tiegħu, flimkien ma' inizjattivi oħrajn, jgħinu biex irawmu fostna l-viżjoni tal-Knisja bħala l-komunjoni tal-Poplu kollu ta' Alla, viżjoni li l-'evanġelizzazzjoni l-ġdida' tistenna mill-Kattoliċi Maltin.

F'din il-komunjoni, spjega Ġwanni Pawlu II, hemm funzjonijiet u ministeri differenti, imma kulħadd hu msejjaħ biex jaħdem flimkien biex iġib 'il quddiem is-saltna ta' Kristu ta' ġustizzja, paċi u mħabba.

Aħna l-Isqfijiet nixtiequ nagħmlu tagħna l-awgurju ħerqan tal-Papa li l-Knisja f'Malta bl-interċessjoni tal-Beati l-ġodda, timxi 'l quddiem b'fiduċja lejn era ġdida ta' għaqda u responsabbiltà maqsuma bejn kleru, reliġjużi u lajċi.

Nixtiequ nagħmlu tagħna wkoll l-appell ħerqan ta' Ġwanni Pawlu II lill-għażiża Malta tagħna, biex tibqa' fidila għall-wirt nisrani, timxi b'qalb sħiħa wara Kristu, u ma tibża' qatt tixhed għall-verità li ssalva u għall-valuri li jwasslu għall-ħajja.

Ikunu kbar kemm ikunu kbar l-isfidi, ħadd m'għandu jaqta' qalbu. Bħalma semma l-Papa meta kellem lill-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM, gżiritna hija blata ħierġa mill-baħar fejn il-ħamrija spiss hija baxxa u x-xemx tikwi. Iżda tul is-sekli Malta kienet ġeneruża u fertili b'mod stra-ordinarju fit-toroq aktar profondi ta' l-Ispirtu. Il-fidi soda tal-poplu tagħna żgurat li din il-blata tkun ħamrija tajba li minnha jitkellem l-Evanġelju.

Is-sejħa tagħna hija li dan il-ġid imprezzabbli nibżgħu għalih u nsaħħuh billi nkunu fidili lejn San Pawl, Missierna fil-Fidi, waqt li nibqgħu f'għaqda sħiħa ma' Pietru u mal-Knisja Universali, biex hekk inkunu dejjem fidili lejn Kristu.

## Sejħa unika ta' Malta

Meta wasal il-mument li fih kellu jitlaq minn fostna, il-Papa ħass li għandu jkellimna wkoll fuq sejħa oħra – din id-darba fil-kontest tax-xiehda li għandu jagħti pajjiżna f'imġibitna mal-pajjiżi ġirien u fix-xena internazzjonali.

"Malta qiegħda fiċ-ċentru tal-Mediterran," qalilna l-Papa. "Għalhekk intom għandkom sejħa unika li tkunu bennejja ta' pontijiet bejn il-popli tal-baċir tal-Mediterran, bejn l-Afrika u l-Ewropa. Il-futur tal-paċi fid-dinja jiddependi fuq it-tisħiħ tad-djalogu u l-ftehim bejn kulturi u reliġjonijiet. Komplu fit-tradizzjonijiet tagħkom ta' ospitalità, u komplu fl-impenn nazzjonali u internazzjonali tagħkom b'riżq il-libertà, il-ġustizzja u l-paċi."

Fid-dawl ta' din il-missjoni speċjali li l-Papa afdalna f'idejna bħala poplu, aħna l-Isqfijiet nixtiequ nappellaw lil kulħadd, quddiemnett lill-mexxejja ċivili u politiċi, biex ma nehdew qatt nistinkaw ħalli nagħtu, id f'id, din ix-xiehda mistennija minna u biex nissaffew minn dak kollu li jfixkilna f'dan l-impenn.

Fil-Pellegrinaġġ tiegħu fuq il-passi ta' San Pawl, Ġwanni Pawlu II fittex li jqawwi lil dawk li jemmnu u lill-popli ta' rieda tajba biex jiddefendu l-ħajja, iġibu 'l quddiem ir-rispett tad-dinjità ta' kull bniedem, iħarsu l-familja kontra t-theddid ta' żmienna, jiftħu qlubhom għall-fqar u l-imġarrbin tad-dinja, u jaħdmu għal ordni internazzjonali ġdid mibni fuq ir-regola tal-liġi u fuq solidarjetà ma' l-inqas ixxurtjati.

Jalla aħna lkoll, b'dak li ngħidu u nagħmlu f'pajjiżna stess u 'l hemm minn artna, nagħrfu nġibu dejjem 'il quddiem dawn il-valuri għall-ġid tagħna stess f'pajjiżna u għall-ġid ta' kulħadd.

Nitolbu l-għajnuna ta' Marija Santissima biex ikollna l-fiduċja spiritwali u l-kuraġġ nisrani li ninħtieġu, ħalli nkunu dejjem u kullimkien tassew ħbieb u xhieda ta' l-Evanġelju.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Illum, 8 ta' Awissu 2001, Festa ta' San Duminku.*ineunte*

✠ ĠUŻEPPI MERCIECA, Arċisqof ta' Malta

✠ NIKOL Ġ. CAUCHI, Isqof ta' Għawdex

Joe Magro, Segretarju

**Ċirkolari Numru 414**

# BEATU NAZJU FALZON

Peress li nhar il-Ħadd, 1 ta' Lulju ma tistax issir it-tifkira liturġika sħiħa tal-Beatu Nazju Falzon:

1) Fil-Quddies kollu, fit-Talba tal-Fidili għandha tiżdied din l-invokazzjoni: **"Mulej, agħtina li fil-laqgħat tagħna ma' nies ta' twemmin u kulturi oħra bħal Beatu Nazju Falzon nagħrfu nagħtu xhieda ta' vera mħabba lejn Alla u bejnietna"** u t-talba tal-għeluq tkun: **"Mulej, inti tajtna lil Beatu Nazju Falzon bħala katekist ħabrieki fil-Knisja tiegħek. Agħmel li bil-għajnuna tat-talb tiegħu għalina aħna dejjem nitħeġġu fit-tagħlim nisrani biex insiru nafuk dejjem aktar u nikbru fl-imħabba tiegħek. Bi Kristu Sidna."**

2) Wara kull Quddiesa tingħad din it-talba popolari:

**"Mulej Alla tagħna inti fil-kobor tal-ħniena tiegħek tagħżel minn fost il-bnedmin, bnedmin bħalhom biex iservuhom u jgħinuhom jiksbu u jżommu d-don tal-fidi u tal-paċi tiegħek. Aħna nizżuk ħajr għall-grazzja li għoġbok tagħżel minn fostna l-Maltin lil ħuna l-Beatu Nazju Falzon, li bit-tagħlim u l-ħidma tiegħu kien ta' għajnuna għall-Maltin u s-suldati ta' żmienu; bit-talb tiegħu, ħa jkun illum ta' konfort għalina l-Maltin u għal kull min jersaq lejh."**

3) Jixraq li f'din l-ewwel sena tkun esposta x-xbieha u relikwja tal-Beatu Nazju Falzon f'kull knisja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta illum 28 ta' Ġunju 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit, Kanċellier

**Ċirkolari Numru 415**

# ĠABRA FAVUR L-ART IMQADDSA

---

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Settembru, fl-Arċidjoċesi tagħna se tiġi ċċelebrata l-ġurnata ta' talb u ta' għajnuna għall-Art Imqaddsa.

B'niket u dispjaċir ninnutaw li din is-sena l-inkwiet u l-ġlied u t-tixrid ta' demm fl-Art Imqaddsa mhux talli ma naqasx, iżda żdiedu b'mod allarmanti.

M'għandniex naqtgħu qalbna. Anzi għandna nżidu t-talb tagħna u noffru sagrifiċċji biex f'din l-art, li fiha twieled, għex, ippriedka, fejjaq, bata, miet u rxoxta Sidna Ġesù Kristu jinkiser iċ-ċirku ta' vjolenza u mibgħeda, u bl-għajnuna ta' Alla tibda sseħħ u tagħti frott ħidma ta' rikonċiljazzjoni u paċi bejn dawk kollha li jgħixu f'din l-Art għażiża.

Ħutna l-Insara li jgħixu f'din l-Art Imqaddsa, qed jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet għall-ħajja materjali, kulturali, soċjali u reliġjuża tagħhom. Ejjew noffru t-talb tagħna lil Alla għal dawn ħutna. Ejjew nippruvaw ngħinuhom ukoll materjalment, billi nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna fil-ġabra li sejra ssir fil-quddies kollu li jiġi ċċelebrat fil-knejjes tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 15 u 16 ta' dan ix-xahar.

Bl-offerti tagħna ngħinu biex jinżammu niftuħa knejjes, skejjel, sptarijiet, kliniċi u strutturi oħra ta' għajnuna għal dawn ħutna li jgħixu fl-Art Imqaddsa.

Il-Mulej iroddilna kif jaf Hu għal kull sagrifiċċju li nagħmlu.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Settembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Dun Charles Bugeja, Aġent Kanċellier

**Ċirkolari Numru 415a**

Mons. Arċisqof jixtieq ifakkarna nitolbu ta' spiss għall-paċi fl-Art Imqaddsa. Għal dan il-għan jordna illi fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 8 u 9 ta' Settembru u 15 u 16 ta' Settembru, fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni: **"Sabiex Alla jdawwal l-imħuħ u jmexxi l-qlub fit-triq tal-Paċi fl-Art li twieled u għadda ħajtu l-Mulej Ġesù. Nitolbu."**

Mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Settembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Dun Charles Bugeja, Aġent Kanċellier

**Ċirkolari Numru 416**

# ILBIES TAL-KANONIĊI

Monsinjur Arċisqof jixtieq ifakkar lill-membri kollha tal-Kleru, Djoċesan u Reliġjużi, illi skond in-normi tal-Knisja, il-Kanoniċi membri, kemm effettivi kif ukoll onorarji, tad-diversi Kapitli bħala rogola ġenerali jistgħu jilbsu l-abiti korali u l-insinji speċjali tal-kapitlu li tiegħu huma membri biss fil-limiti tad-Djoċesi li fiha hu mwaqqaf il-kapitlu.

Il-Kappillani, Superjuri Reliġjużi u Retturi tal-knejjes huma mitluba jassiguraw li din ir-regola tibqa' mħarsa fil-knejjes li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pastorali tagħhom.

Monsinjur Arċisqof ifakkar ukoll li hu meħtieġ il-permess ta' l-Ordinarju tal-post biex Kapitli minn Djoċesijiet oħra jkunu jistgħu jiġu mistiedna biex jieħdu sehem, jew jibagħtu rappreżentant tagħhom, f'festi u ċelebrazzjonijiet oħra f'din l-Arċidjoċesi.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 12 ta' Settembru 2001.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Dun Charles Bugeja, Aġent Kanċellier

# ĠABRA ta' Lm42,276 għal rigal lill-Papa

Il-ġabra li saret biex jingħata rigal lill-Papa fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu f'Malta fid-8 u d-9 ta' Mejju 2001 laħqet total ta' Lm42,276.40 – Lm36,276. 40 minn Malta u Lm6,000 minn Għawdex.

Il-ġbir fil-parroċċi f'Malta kien Lm26,690.15. Il-bqija tal-flus miġburin f'Malta nkisbu kif ġej: Lm4,694.22 minn knejjes mhux parrokkjali; Lm1,051.40 minn komunitajiet reliġjużi; Lm1,755.13 minn kappelli; Lm1,000 mill-Kapitlu Metropolitan; Lm710.50 minn individwi u organizzazzjonijiet; u Lm375 minn monasteri.

Il-ġbir fid-Djoċesi ta' Għawdex kien Lm4,294 mill-parroċċi u Lm1,706 minn knejjes u kappelli oħra.

Il-ġabra għal rigal lill-Papa saret wara sejħa ta' l-Arċisqof ta' Malta u l-Isqof ta' Għawdex f'Ittra Pastorali li nqrat fil-Quddies ta' tmiem il-ġimgħa tat-28 u 29 ta' April 2001. L-isqfijiet qalu hekk:

"Bħala turija ta' radd il-ħajr lill-Qdusija Tiegħu tkun ħaġa xierqa jekk id-Djoċesi tagħna jagħtu rigal lill-Papa. Ħsibna li l-aħjar mod kif isir dan ikun billi tingħata kontribuzzjoni ta' flus ġejja mill-poplu biex tgħin lill-Qdusija Tiegħu fl-opri ta' karità, li huwa għandu, u li huma konnessi ma' l-Appostolat tal-Lajċi. Għalhekk, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 5 u 6 ta' Mejju, se ssir ġabra fil-knejjes kollha għal dan l-iskop."

13 ta' Ġunju 2001

# L-EWWEL SESSJONI TA' L-ASSEMBLEA TAS-SINODU

Madwar 250 persuna minn kull qasam tal-ħajja li jifformaw l-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta se jibdew jiltaqgħu fl-ewwel sessjoni ta' ħidma flimkien.

L-Assemblea se tiltaqa' għada u pitgħada – il-Ġimgħa u s-Sibt, 15 u 16 ta' Ġunju 2001 – fil-Katekumenju, il-Mosta (wara l-Knisja Parrokkjali).

Il-laqgħa tal-Ġimgħa se tkun mill-5.30 p.m. sad-9.30 p.m. Il-programm jinkludi preżentazzjoni minn Fr. Arthur Vella S.J. dwar *Attitudni ta' Knisja f'Dixxerniment.* Wara, Dun Joe Galea Curmi, Koordinatur tal-Kummissjoni tas-Sinodu, jitkellem dwar *X'inhu s-Sinodu, Fejn Wasalna u Fejn irridu naslu.* Din il-preżentazzjoni tkun segwita minn diskussjoni.

Issir ukoll preżentazzjoni dwar kif se jaħdmu t-tmien Gruppi ta' Ħidma li se jidduskutu t-tmien temi tas-Sinodu: Kultura – Soċjetà – Knisja; Viżjoni ta' Knisja – komunjoni/poplu b'kariżmi u minsteri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolèxxenti. Il-Gruppi ta' Ħidma se jkunu ffurmati minn persuni proposti mill-Kummissjoni Ċentrali tas-Sinodu u persuni oħra proposti minn membri ta' l-Assemblea.

Il-laqgħa tas-Sibt tkun mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. Fiha jsiru preżentazzjoni u diskussjoni dwar l-abbozz tad-Direttorju tas-Sinodu mħejji mill-Kummissjoni Ċentrali. Id-Direttorju jittratta l-istruttura, l-organi, il-proċedura u r-regolamenti tas-Sinodu. F'din il-laqgħa ssir ukoll preżentazzjoni ta' l-aspetti diversi tat-tmien temi tas-Sinodu. Dawn l-aspetti ġew issuġġeriti mill-membri tal-Knisja fil-fażi ta' konsultazzjoni wiesgħa u mifruxa li saret is-sena li għaddiet.

# PUNTI BAŻIĊI
## ta' l-Indirizz ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-Ewwel Sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan

### DJALOGU VERU GĦALL-ĠID TAL-POPLU KOLLU TA' ALLA

– Nilqagħkom għal din l-ewwel laqgħa ta' l-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan. Nirringrazzjakom li lqajtu l-istedina tiegħi biex tipparteċipaw u nixtieq nuri l-apprezzament kbir tiegħi għall-kontribut li qed tagħtu lill-ħajja tal-Knisja f'Malta.

– Din l-Assemblea hija pass importanti fil-mixja tas-Sinodu li beda fid-29 ta' Settembru 1999 u fl-ewwel fażi tiegħu kellu konsultazzjoni wiesgħa ħafna mas-soċjetà Maltija. Il-punt tat-tluq, għalhekk, kien dak li esprima l-poplu b'parteċipazzjoni kbira u b'libertà sħiħa. Dan għaliex, kif jgħid il-Konċilju, 'l hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bniedem ta' llum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, huma wkoll l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu, u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem li huma wkoll ma jħossuhiex f'qalbhom.' (*Gaudium et Spes* n. 1). B'din l-Assemblea issa ngħaddu għal kif il-Knisja se twieġeb għall-ħtiġiet u għax-xewqat tal-poplu llum, fid-dawl tal-Kelma ta' Alla.

### Ħafna nies minn oqsma differenti

– Kif tistgħu taraw, din l-Assemblea hi ffurmata minn ħafna nies ġejjin minn oqsma tal-ħajja differenti li jirriflettu l-ħajja tal-Knisja f'Malta. Il-fatt li ltqajna flimkien hu minnu nnifsu ġrajja sabiħa. Aħna lkoll aħwa fi Kristu. Ġejna hawn minn toroq differenti biex ninġabru flimkien. Mhux proprju dan li tfisser il-kelma 'sinodu': li nies minn toroq differenti jimxu flimkien? Mhuwiex dan espressjoni mill-aktar

ħajja ta' dak li l-Knisja hi: il-poplu ta' Alla miġbur fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu (*Lumen Gentium* n. 4)?

– L-eżerċizzju nnifsu tal-ħidma ta' l-Assemblea se jkun mod ħaj kif ngħixu r-realtà tal-Knisja. Aħna qegħdin hawn biex flimkien, b'mod sinodali, naslu għal dokumenti pastorali li jservu ta' gwida għall-ħajja tal-Knisja f'Malta. Imma m'aħniex hawn biss biex nipproduċu xi ħaġa. Qabel xejn, qegħdin hawn biex ngħixu r-realtà ta' Knisja li Alla qed jitlob minna llum. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-omelija fil-quddiesa tal-beatifikazzjoni ta' tlieta minn ħutna Maltin, semma t-tama qawwija tiegħu li s-Sinodu jgħin biex tissaħħaħ il-viżjoni tal-Konċilju Vatikan II tal-Knisja bħala komunjoni u biex nimxu 'l quddiem f'era ġdida ta' għaqda u koresponsabbiltà.

## Libertà, sinċerità, imħabba u rispett

– F'din l-Assemblea, ejjew nagħtu sehemna qabel xejn billi nisimgħu lil xulxin f'ambjent ta' djalogu veru. Dan l-eżerċizzju mhux faċli. Jitlob ħafna paċenzja. Jien nixtieq li f'din l-Assemblea nitkellmu b'libertà sħiħa u bis-sinċerità. Fl-istess waqt, b'ħafna mħabba u rispett.

– *Tul il-ħidma ta' l-Assemblea, ħa nħarsu lejn Ġesù Kristu bħala t-triq tagħna*: 'Ġesù Kristu, Feddej waħdieni tad-dinja, il-bieraħ, il-lum u għal dejjem' (Lhud 13, 18). Kristu hu t-triq: meta naqbdu din it-triq, nafu li qegħdin fit-triq it-tajba. Kristu hu t-triq li tressaqna lejn il-bniedem, fil-ħtiġiet veri tiegħu. Kif jgħallimna l-Konċilju, 'bl-inkarnazzjoni tiegħu, Hu, l-Iben ta' Alla, b'ċertu mod ingħaqad ma' kull bniedem' (*Gaudium et Spes* n. 22). Tul il-ħidma ta' l-Assemblea, ħa nħarsu lejn wiċċ Kristu u fl-istess waqt lejn wiċċ il-bniedem tal-lum, lejn il-ħtiġiet tiegħu, lejn dak li jimlielu ħajtu, lejn dak li jtelliflu d-dinjità tiegħu. Ma nqegħdux lilna nfusna fiċ-ċentru, imma niftakru li aħna bħala Knisja qegħdin għas-servizz tal-bniedem, u tas-soċjetà, fuq l-eżempju ta' Kristu.

– *Tul il-ħidma ta' l-Assemblea, ħa jmexxina l-Ispirtu ta' Alla.* San Pawl, fl-Ittra tiegħu lill-Korintin (1 Kor 12, 4-7) jispjega dan ċar: 'Hemm imbagħad diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi

ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd.' Għalhekk, fl-istess waqt li aħna nisimgħu lil xulxin, ħa jkollna qalbna miftuħa qabel xejn għall-Ispirtu ta' Alla, l-Ispirtu li joħloq, li jagħti l-ħajja, li jġedded. Ħa nagħrfu s-sinjali tiegħu. B'dan l-ispirtu ta' dixxerniment, dawn il-laqgħat ta' l-Assemblea jħallu ħafna frott u jilħqu l-iskop tagħhom.

– *Tul il-ħidma ta' l-Assemblea, ħa naħdmu bl-Ispirtu ta' ulied ta' l-istess Missier* (ara Rum 8. 15-16). Aktar ma nagħrfu lil Alla Missierna li jħobbna, aktar ma nagħrfu li aħna wlied ta' dan l-istess Missier, aktar inġibu ruħna ta' aħwa. Fl-istess ħidma ta' evanġelizzazzjoni tal-Knisja, hemm bżonn nagħtu xiehda li aħna tassew aħwa. F'din l-Assemblea, bi spirtu ta' wlied, ħa nfittxu bħala aħwa l-ġid tal-komunità djoċesana kollha. Ma niqfux fl-interess ta' grupp, jew f'interess ta' parti jew ta' sezzjoni, imma naħsbu fil-ġid ta' kulħadd, fl-interess tal-poplu kollu ta' Alla. Fl-istess ħidma tagħna, inkunu wkoll magħquda ma' l-aħwa kollha tal-Knisja f'Malta.

## Aġenda twila

– Għandna aġenda twila quddiemna. Kif tafu, hemm tmien temi li se niddiskutu u t-tmienja huma oqsma ta' impenn fil-ħajja tal-Knisja f'Malta. M'aħniex se ngħidu dak kollu li jista' jingħad fuq kull qasam; dan hu impossibbli. Imma rridu naraw x'inhuma l-isfidi għall-ħidma pastorali tal-Knisja f'dawn l-oqsma llum, meta qed ngħixu fi żmien ta' bidliet mgħaġġla. Nistudjaw kif se ngħaqqdu l-fedeltà lejn Alla mal-fedeltà lejn il-bniedem, kif se ngħaqqdu l-wirt nisrani tagħna ma' l-isfidi ta' llum u tal-ġejjieni. Diffikultajiet ikollna; imma bil-fiduċja fl-għajnuna ta' Alla, negħlbuhom.

– Nixtieqkom titolbu ħafna. Lill-Mulej li mexa magħna tul is-snin, nitolbuh ikun magħna tul il-ħidma ta' l-Assemblea, filwaqt li niftakru li 'Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja, jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt għalxejn jishar il-għassies.' (Salm 126). Din l-Assemblea hi fil-fatt att ta' fiduċja f'Alla. Filwaqt li nagħrfu d-dgħufija tagħna, filwaqt li nagħrfu l-limitazzjonijiet

tagħna, nagħrfu wkoll il-kobor ta' Alla, il-qawwa tiegħu. Ħa nemmnu fih u nifthu qalbna għalih. Ejjew infittxu r-rieda tiegħu, dak li hu qiegħed juri fis-sinjali ta' żminijietna u jkollna l-kuraġġ nagħmlu l-mixja ta' konverżjoni minn dak li aħna għal dak li jistenna minna Alla llum.

Katekumenju
Parroċċa tal-Mosta
15 ta' Ġunju 2001

# PREŻENZA QAWWIJA TA' LAJĊI FL-ASSEMBLEA TAS-SINODU DJOĊESAN

Iktar minn nofs il-membri ta' l-Assemblea tas-Sinodu Djoċesan, li tinsab fl-ewwel sessjoni tagħha, huma lajċi. L-Assemblea qed tiġbor flimkien 268 persuna, li huma mqassmin hekk: 71 saċerdoti djoċesani; 30 reliġjużi rġiel saċerdoti; 3 *brothers*; 21 reliġjużi nisa; u 143 lajċi: 60 nisa u 83 irġiel.

L-Assemblea tas-Sinodu fetħet fil-Katekumenju, il-Mosta (wara l-Knisja Parrokkjali) il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju u se tkompli s-Sibt filgħodu, 16 ta' Ġunju 2001 (9.00 a.m. – 1.00 p.m.).

Fi kliem Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, li tkellem fil-ftuħ ta' l-Assemblea, din hija ffurmata minn ħafna nies ġejjin minn oqsma tal-ħajja differenti li jirriflettu l-ħajja tal-Knisja f'Malta.

Mons. Arcisqof sejjaħ biex fl-Assemblea "nisimgħu lil xulxin f'ambjent ta' djalogu veru", fejn "nitkellmu b'libertà sħiħa u bis-sinċerità u, fl-istess waqt, b'ħafna mħabba u rispett."

"L-eżerċizzju nnifsu tal-ħidma ta' l-Assemblea se jkun mod ħaj kif ngħixu r-realtà tal-Knisja. Aħna qegħdin hawn biex flimkien, b'mod sinodali, naslu għal dokumenti pastorali li jservu ta' gwida għall-ħajja tal-Knisja f'Malta. Imma m'aħniex hawn biss biex nipproduċu xi ħaġa. Qabel xejn, qegħdin hawn biex ngħixu r-realtà ta' Knisja li Alla qed jitlob minna llum," qal Mons. Mercieca.

### Moderaturi

Bħala Moderatur ta' l-Assemblea ntagħżel Dr. André Camilleri. Ms. Ninette Borg Grech intagħżlet bħala Moderatur Sostitut.

Il-laqgħa tal-Ġimgħa kienet tinkludi preżentazzjoni minn Fr. Arthur Vella S.J., dwar l-attitudni ta' Knisja f'dixxerniment.

Dun Joe Galea Curmi, Koordinatur tal-Kummissjoni tas-Sinodu, tkellem dwar is-Sinodu nnifsu, li għandu tliet fażijiet: Konsultazzjoni wiesgħa – li saret is-sena l-oħra; Ċelebrazzjoni permezz ta' l-Assemblea – li għadha kemm bdiet; u Konklużjoni permezz ta' dokumenti pastorali li jservu ta' gwida għall-ġejjieni, segwiti minn implimentazzjoni.

Wara l-ewwel sessjoni ta' l-Assemblea se jitwaqqfu l-Gruppi ta' Ħidma. Kull grupp iħejji abbozz ta' dokument pastorali fuq waħda mit-tmien temi tas-Sinodu: Kultura – Soċjetà – Knisja; Viżjoni ta' Knisja – komunjoni/poplu b'kariżmi u minsteri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolexxenti.

Il-Gruppi ta' Ħidma se jkunu ffurmati minn persuni proposti mill-Kummissjoni Ċentrali tas-Sinodu u persuni oħra proposti minn membri ta' l-Assemblea.

Id-dokumenti li jħejju l-Gruppi ta' Ħidma, lejn l-aħħar ta' din is-sena u matul is-sena d-dieħla se jiġu diskussi fl-Assemblea. Id-dokumenti approvati mbagħad jiġu ppreżentati lil Mons. Arċisqof għall-approvazzjoni tiegħu.

Il-proċedura ta' kif se jimxu l-Assemblea u l-Gruppi ta' Ħidma ġiet spjegata minn Dun Anton Gouder, Segretarju Pastorali.

**Direttorju**

Fis-sessjoni tas-Sibt, Mons. Isqof Annetto Depasquale se jagħmel preżentazzjoni dwar id-Direttorju tas-Sinodu Djoċesan. Id-Direttorju jittratta l-istrutturi tas-Sinodu u kif għandhom jirregolaw il-ħidma tagħhom. Il-preżentazzjoni tkun segwita minn diskussjoni.

Id-Direttorju jiddeskrivi s-Sinodu bħala espressjoni tal-komunjoni djoċesana u ta' dixxerniment tal-Knisja f'Malta. "Hu eżerċizzju ta' approfondiment u diskussjoni ta' temi ta' natura pastorali biex il-Knisja f'Malta twieġeb b'azzjoni pastorali għas-sinjali taż-żminijiet, fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II."

Is-Sibt ukoll, Dun J. Galea Curmi jitkellem dwar is-suġġerimenti li hemm wara kull waħda mit-tmien temi tas-Sinodu. Dawn is-suġġerimenti ħarġu mill-konsultazzjoni mifruxa li saret f'Malta u li fiha ħadu sehem madwar 100,000 persuna.

16 ta' Ġunju 2001

## LEJLA TA' SOLIDARJETÀ

**San Blas – 22 ta' Ġunju 2001**

# MESSAĠĠ ta' Mons. Victor Grech, Direttur tal-Caritas Malta

Ġejna hawn il-lejla biex nifirħu lil dawn is-26 żgħażagħ li temmew Programm ta' Riabilitazzjoni.

Din hija l-14-il Gradwazzjoni li qed issir f'San Blas.

**1.0** Żgħażagħ, ħarsu 'l quddiem. Taqtgħux qalbkom mill-isfidi tal-ħajja. M'intomx weħidkom. Aħna u l-familjari tagħkom se nagħtukom kull appoġġ, iżda tħossukomx dipendenti minna. Il-ħajja hija avventura meraviljuża. Sibu postkom fis-soċjetà. Agħmlu xi ħaġa sabiħa b'ħajjitkom!

Aħna emminna fikom; aċċettajniekom kif intom; ħabbejniekom; ipprovdejnilkom il-mezzi biex toħorġu mid-dipendenza ta' l-alkoħol u d-droga; għinnikom tfittxu l-kawżi li ħarbtukom ħajjitkom u taħdmu fuqhom; ħloqnilkom opportunitajiet biex issibu impieg u akkomodazzjoni soċjali qabel ma ttemmu l-Programm; ressaqniekom lejn l-għeżież tagħkom. Issa għandkom it-tmun f'idejkom. Ibżgħu għall-valuri li ħaddimtu fil-Programm.

Nixtieq minn qalbi nifraħ lill-Istaff kollu tal-Caritas għad-dedikazzjoni li qed turu f'din il-missjoni umanitarja. M'għandix kliem biex nirringrazzjakom tas-servizz ta' kwalità li qed toffru lil mijiet ta' żgħażagħ u l-familjari tagħhom.

**2.0** Din kienet sena tajba minn kull aspett. Ir-*retention rate* għoliet, jiġifieri l-maġġoranza taż-żgħażagħ li jidħu fil-Programmi tal-Caritas qed isegwu l-proċess ta' riabilitazzjoni sat-tmiem. Qed nilħqu aktar klijenti f'kull fażi tal-Programm *Tama Ġdida*.

Biex inlaħħqu mad-domanda, kellna nżidu l-Istaff. Żdiedet ukoll in-nefqa rikurrenti u kapitali.

**2.1** Id-domanda għar-riabilitazzjopni u s-*Support Services* tal-Caritas kibret:

- hawn aktar żgħażagħ u miżżewġin li qed ifittxu l-għajnuna;
- il-fiduċja taż-żgħażagħ fil-Programmi u s-servizzi li qed toffri l-Caritas qed tkompli tikber;
- l-akbar promoturi tal-Programmi tal-Caritas qed ikunu ż-żgħażagħ stess li jtemmu l-Programmi;
- l-etajiet taż-żgħażagħ li jidħlu fil-Programmi tal-Caritas ivarjaw minn 17 sa 34 sena. L-età medja niżlet għal 20 sena.
- ivarjaw ukoll il-kundizzjonijiet tas-saħħa fizika u mentali ta' dawn iż-żgħażagħ.

Qed jikber l-għadd ta' persuni illi, barra d-dipendenza ta' l-alkoħol u d-droga, jkollhom problemi oħra relatati mas-saħħa mentali jew psikoloġika. Dawn qed jiġu riferuti għall-assistenza speċjalizzata.

Din is-sena bdejna wkoll inħarrġu lil xi wħud mill-Istaff tagħna biex ikunu jistgħu joffru għajnuna professjonali lil dan it-tip ta' klijenti.

## Adoloxxenti f'riskju u żgħażagħ jinqerdu

**2.2** L-Istaff tal-Caritas qed jagħmel l-almu tiegħu biex jagħti trattament, kura u riabilitazzjoni liż-żgħażagħ li jfittxu l-għajnuna, iżda x'qed isir f'pajjiżna biex ngħinu lill-adoloxxenti li huma f'riskju u mijiet ta' żgħażagħ li qed jinqerdu fit-triq mingħajr ma jfittxu l-għajnuna?

Jekk fl-iskejjel ma jkunux individwati l-adoloxxenti *at risk* għaliex huma aktar vulnerabbli minn oħrajn, kif ukoll żgħażagħ li jikkunsmaw id-droga, din il-pjaga soċjali se tkompli tikber. Niskanta kemm mhemmx aktar studenti li qed jiġu riferuti mill-iskejjel għall-għajnuna flimkien mal-ġenituri tagħhom. Nibżgħu li nitfgħu dell ikraħ fuq l-iskola jekk nitkellmu u nieħdu passi?

L-istess ħaġa nista' ngħid għall-postijiet tax-xogħol. Għaliex mhemmx aktar referenzi li jaslu għandna, minkejja illi kemm fl-iskejjel kif ukoll fuq il-postijiet tax-xogħol isiru *Awareness Programmes*, Programmi ta' Prevenzjoni?

Bosta żgħażagħ li jfittxu l-għajnuna qed jiġu minn rajhom jew jitressqu mill-ġenituri tagħhom.

- Għaldaqstant, tinħass il-ħtieġa li ninvolvu aktar il-familji fil-Programmi Preventivi u Edukattivi għaliex il-familja hija l-aqwa riżors tas-soċjetà.
- Fil-familja jissawwru l-valuri.
- Fil-familja nagħrfu l-ewwel imħabba.
- Fil-familja nitgħallmu nieħdu ħsieb xulxin.
- Fil-familja nagħrfu nieħdu *stress* mingħajr ma nitilfu rasna.

Jekk ir-relazzjonijiet interpersonali jiddgħajfu fil-familja, nistennew illi aktar żgħażagħ emozzjonalment imkissra jfittxu li jaħarbu minn realtà li tkun qed tweġġagħhom.

- Min isaħħaħ il-familja minn ġewwa jkun qed jagħti l-akbar kontribut lis-soċjetà.

**3.0** Pajjiżna huwa tellief fil-gwerra kontra l-abbuż u t-traffikar tad-droga? Wieġbu intom għal din il-mistoqsija.

Minkejja illi l-għadd ta' persuni li ġew mixlija bil-konsum u t-traffikar ta' sustanzi illegali kiber f'dawn l-aħħar ħames snin, nistgħu ngħidu illi l-konsum tad-droga naqas jew illi t-traffikanti ma baqgħux iwessgħu l-kummerċ qerriedi tagħhom?

**3.1** Huwa inkwetanti wkoll illi x-xorb alkoħoliku żdied fost l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ, kif jirriżulta minn stħarriġ reċenti.

Ma ninsewx illi l-abbuż tax-xorb alkoħoliku, ħażin fih innifsu, jwitti t-triq għal dipendenzi oħra.

Ma nistgħux nitnikkru aktar għaliex l-informazzjoni u l-edukazzjoni mingħajr qafas ta' leġislazzjoni li trażżan l-abbuż għat-tfal taħt l-età u l-infurzar tal-liġi, l-adoloxxenti tal-lum, sakemm jaslu għall-età tat-18-il sena, ma jkollhomx it-tmun ta' ħajjithom f'idejhom.

## Il-flaġell ta' l-HIV/AIDS

**3.2** Flaġell ieħor li daħal f'pajjiżna u li se jkompli jikber fi żmien 10 snin huwa l-marda ta' l-HIV/AIDS. Qed jiddgħajfu l-valuri, żdiedet il-promiskwità, u ftit li xejn qed jittieħdu prekawzjonijiet miż-żgħażagħ biex din il-marda ma tintrikibx u tkompli tinxtered.Għaliex m'aħniex napprezzaw biżżejjed il-valur tal-ħajja? X'inhu jiġri?

**3.3** Malta, żgħira fid-daqs u fir-riżorsi, ma tiflaħx tissagrifika l-aqwa riżors li għandha: iż-żgħażagħ, tama tal-ġejjieni.

**4.0** Minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom, l-aġenziji li jaħdmu fl-oqsma tal-Prevenzjoni u r-Riabiltazzjoni mhumiex jitnikkru. Qed isir sforz biex jintlaħqu aktar żgħażagħ. Kieku ma hawnx dawn iċ-Ċentri, Malta ma kienx ikollha x'toffri lil mijiet ta' żgħażagħ li jinħtieġu u jfittxu l-għajnuna.

**4.1** Irridu nsaħħu l-Programmi u s-Servizzi li qed jingħataw billi nikkonsolidaw dak li għandna, nikkordinaw aktar il-ħidma li qed issir, u nippjanaw strateġiji biex jintlaħqu aktar żgħażagħ li qegħdin f'riskju li jħarbtu ħajjithom.

Kull tentattiv għaqli u maħsub tajjeb biex nibnu fuq li għandna u ntejbu dak li ksibna għandu l-inkoraġġiment u l-appoġġ tagħna. Iżda biex l-iżvilupp tal-programmi u s-servizzi jilħqu l-għanijiet imfassla, irid isir studju u riċerka (*Needs Assessment*) tal-klijenti attwali u prospettivi, sabiex l-implimentazzjoni ta' mudell li jassigura l-kwalità (*Quality Assurance Model*) iwieġeb għall-ħtiġiet partikolari taż- żgħażagħ u l-familji tagħhom.

**4.2** Irridu nqisu wkoll illi r-*recovery* ta' persuna fi Programm ta' Riabilitazzjoni mhuwiex lineari. Dan huwa ppruvat minn riċerki li jsiru perjodikament. Ir-*relapse* (jiġifieri li wieħed jerġa' jaqa') jista' jkun proċess naturali fir-riabilitazzjoni ta' persuna.

Hawn min ikun kapaċi jsegwi Programm fit-tul (għaliex ikun jinħtieġu) sat-tmiem, u hawn min jaqa' darba, darbtejn, sakemm jasal biex itemm Programm. Għaldaqstant, irid ikun hemm medda ta' snin sabiex jitkejjel l-impatt ta' Programm fuq il-klijenti.

Il-Caritas wettqet *Impact Assessment* f'Diċembru 2000 fuq *sample* ta' 120 klijenti li ġew għall-għajnuna fiċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni tal-Caritas f'dawn l-aħħar 15-il sena.

Dan l-istudju juri:

- illi programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali fit-tul huwa effettiv ħafna speċjalment għal dawk li jtemmuh mingħajr interruzzjonijiet;

- illi l-Programm **Tama Ġdida** huwa *cost-effective*, kemm fuq livell individwali kif ukoll dak komunitarju għaliex jgħin biex jitnaqqas l-abbuż tad-droga u l-kriminalità.

## Tama tal-Ġejjieni

**5.0** Semmejt f'dawn ir-riflessjonijiet li qsamt magħkom:

Illi hawn ħafna affarijiet pożittivi illi jqawwulna qalbna fil-ħidma tagħna.

Hawn ukoll tfixkil għaż-żgħażagħ fis-soċjetà Maltija illi jekk aħna l-adulti nkunu aktar responsabbli u naħdmu aktar flimkien, ikunu jistgħu jinstabu rimedji għall-problemi soċjali li semmejtilkom.

Jiena nemmen fiż-żgħażagħ għaliex naf li jekk isibu min jgħinhom u mhux iħajjarhom biex iħarbtu ħajjithom u flushom, kapaċi jibnu xi ħaġa sabiħa b'ħajjithom, u jkunu verament it-Tama tal-Futur.

# AMMINISTRATUR GĦALL-PARROĊĊA TA' L-IBRAĠ

Dun Gordon Refalo, li kien Kappillan tal-Parroċċa ta' l-Ibraġ, talab lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex jirtira mill-uffiċċju ta' Kappillan ħalli jkun jista' jieħu perijodu ta' mistrieħ. Mons. Arcisqof aċċetta u nnomina lil Dun Tony Agius bħala Amministratur tal-Parroċċa. Il-kariga ta' Amminstratur min-natura tagħha hija temporanja.

22 ta' Ġunju 2001

# FAX MESSAGE
# to Ms. Miriam Dunn, Journalist, *Malta Today*

Reference is made to your fax message of yesterday, 21 June 2001 re Dr. Joanna Drake's call for the Church to take a stand on the EU issue.

The bishops of the Maltese Islands have made various public statements or declarations related to Malta and the EU on a number of occasions. The basic approach remains that explained in their statement of 22 December 1999. In this statement, the bishops said as follows: "The decision on whether Malta should join the European Union or negotiate some form of arrangement which brings us closer to the Union without implying membership, is fundamentally a political decision. In this contest, we, the Bishops, repeat that it is not our intention to take a position on whether Malta should join the European Union or not, or what form of political and economic relationship there should be between Malta and the Union. We are doing so not because we want to shirk our responsibilities, but because this is not within the competence of the Church. This is a decision which has to respect the free and sovereign choice of the people, as expressed through the democratic process which we exercise in our country."

The Church respects the divergent positions of the two main political parties. At the same time, the Church invites both political parties to put their heads together to identify those points on which they agree and to genuinely and effectively seek solutions on the rest in the best interest of the whole population of these islands.

In the meantime, if and when the bishops feel it necessary or appropriate to pronounce themselves again on the matter, a statement will be issued.

Thank you for your attention and best regards.

22 June 2001

# KJARIFIKA TAL-KURJA
## dwar il-Festa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid

Dr. Ivan Sammut, President ta' l-Għaqda Soċjetà Mużikali Kristu Sultan iddikjara ripetutament, fuq il-mezzi tax-xandir, li s-Soċjetà tiegħu mhux bi ħsiebha tieħu sehem fil-Festa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid u qatt ma talbet permess biex tagħmel hekk.

Il-Kurja ta' l-Arċisqof ssostni li bil-maqlub ta' dan, din is-sena l-inkwiet inqala' għaliex l-Għaqda ta' Dr. Sammut riedet, bħala Għaqda Mużikali, tieħu sehem fil-festa.

Infatti, fl-20 ta' Marzu 2001, Dr. Ivan Sammut u s-Sur Anthony Gatt, President u Segretarju rispettivament tal-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan, bagħtu ittra lill-Kurja fejn qalu li, "l-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan m'għadhiex marbuta bil-ftehim tal-10 ta' Lulju, 2000." Dan il-ftehim kien jgħid, fost ħwejjeġ oħrajn, li "l-Għaqda tirrinunzja li tieħu sehem fil-ġimgħa tal-festa sakemm ikun hemm deċiżjoni finali mis-Signatura Apostolika" dwar il-kawża li s-Soċjetà Mużikali Kristu Sultan ressqet quddien dan it-tribunal suprem tal-Knisja fid-dinja.

Hemm ukoll ħaġa oħra. Il-Kurja kienet tat permess lill-Għaqda Żgħażagħ Pawlisti, bħala għaqda awtonoma, biex tieħu sehem darba biss fil-festa, permezz ta' marċ, kif kien isir qabel. Ġara però li, f'ittra lill-Kurja datata 14 ta' Mejju 2001, l-istess Dr. Sammut u s-Sur Gatt qalu ċar li l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' l-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan li saret fl-istess ġurnata "ddeċidiet li s-sehem tal-Ghaqda taghna fil-festa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid għandu jkun aktar minn darba." Dan juri li l-Għaqda riedet tieħu sehem hi wkoll.

Kien minħabba f'hekk li l-Kurja kellha tiddeċieda, kontra qalbha, u b'responsabbilità lejn il-poplu ta' Raħal Ġdid, li din is-sena terġa' tissospendi l-festa b'mod definittiv.

25 ta' Ġunju 2001

**Il-film *Ġesù* ppreżentat lill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca**

# MOD FRISK GHAX-XANDIR TAL-MESSAĠĠ TAL-VANĠELU

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qal li l-film *Ġesù*, li kopja tiegħu se titwassal f'kull dar f'Malta u Għawdex, huwa mod ieħor frisk ta' kif wieħed jista' jgħin lin-nies ikollhom esperjenza tal-persuna ta' Ġesù u tat-tagħlim dejjem bnin tiegħu. Mons. Arċisqof qal dan fl-okkażjoni ta' preżentazzjoni li saritlu ta' kopja tal-verżjoni bil-Malti ta' dan il-film, li huwa proġett tal-Fondazzjoni Internazzjonali *Millennium Films*, flimkien mal-*Media Centre*. Il-film ġie ppreżentat lil Mons. Mercieca mis-Sur Noel Chircop, Direttur tal-*Millennium Films International* f'Malta, fil-preżenza ta' Fr. Nicholas Cachia, Chairman tal-*Media Centre*.

Mons. Arċisqof qal li l-films huma mezz ta' komunikazzjoni soċjali universali li jgawdu stima kbira. Dan huwa mezz li permezz tiegħu spiss jitwasslu messaġġi li f'forma ta' komunikazzjoni mibnija l-iktar fuq ġrajjiet konkreti, espressi fi xbihat li jħallu impatt kbir fuq min jarahom u s-subkonxju tiegħu. Mons. Mercieca awgura li l-film *Ġesù* jgħin biex fost il-poplu ta' dawn il-gżejjer, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet il-ġodda, il-messaġġ tal-Vanġelu jasal aħjar u b'qawwa akbar.

Mons. Mercieca qal li l-film *Ġesù* jimxi fuq l-Evanġelju ta' San Luqa, li jisħaq li Ġesù, il-Feddej uniku tal-bniedem, ġie fid-dinja biex iwassal is-salvazzjoni u l-messaġġ ta' ħelsien lill-fqar u lill-imwarrbin tas-soċjetà.

"Il-Vanġelu ta' San Luqa," qal Mons. Mercieca, "jgħinna nikkontemplaw il-persuna tal-Mulej Ġesù, li hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Huwa Ġesù ta' l-istorja li jistedinna nħarsu lejh mhux biex nieqfu fuq dak li jidher, iżda biex inizżlu ħarsitna fil-fond tal-misteru ta' l-imħabba tiegħu bla tarf għall-bniedem."

Noel Chircop qal li l-*Millennium Films International Foundation* twaqqfet mill-*International Catholic Programme for Evangilization* (ICPE) proprju biex, fl-okkażjoni tal-bidu tat-Tielet Millennju, tqassam il-film *Ġesù* madwar id-dinja. Fis-sena 2000 tqassmu 3.8 miljun kopja tal-film fi tmien pajjiżi differenti. Isqfijiet mid-dinja kollha talbu l-fondazzjoni tipprovdihom bi 15-il miljun koppja oħra tal-film.

Kopja tal-film ġiet ippreżentata wkoll lill-Papa Ġwanni Pawlu II, mis-Sur Mario Cappello li huwa l-President tal-*Millennium Films International Foundation.*

26 ta' Ġunju 2001

# L-EWWEL FESTA TAL-BEATU NAZJU FALZON

L-ewwel festa tal-Beatu Nazju Falzon se tiġi ċċelebrata fl-1 ta' Lulju, il-jum li fih il-Beatu Nazju Falzon twieled u miet.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Ġunju 2001, tiġi fi tmiemha ż-żjara li l-Urna bil-Fdalijiet tal-Beatu Falzon għamlet f'xi parroċċi u knejjes. Il-konklużjoni se tkun b'Quddiesa fil-KonKattidral ta' San Ġwann, fis-6.00 p.m. Wara, fis-7.00 p.m., l-Urna tiġi trasportata f'pellegrinaġġ qasir mill-KonKattidral sal-Knisja Ta' Ġieżu, tal-Patrijiet Franġiskani, fil-belt Valletta stess.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju 2001, Jum il-festa, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-Knisja Ta' Ġieżu, Valletta, fl-10.00 a.m.

# NUNZJU APOSTOLIKU FIL-LEBANON

Il-Papa Ġwanni Pawlu II innomina lil Mons. Arċisqof Luigi Gatti, Nunzju Apostoliku għal Malta u għal-Libja, bħala Nunzju Apostoliku fil-Lebanón.

L-Arċisqof Luigi Gatti sar Nunzju Apostoliku għal Malta u għal-Libja fit-13 ta' Ġunju 1998.

Mons. Gatti twieled f'Castiglione Tinella, provinċja ta' Cuneo, fl-Italja, fil-25 ta' Novembru 1945. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1970 u wara kiseb Dottorat fil-Liġi Kanonika.

Mons. Gatti beda s-servizz tiegħu fil-Korp Diplomatiku tas-*Sante Sede* fl-1976. L-ewwel kariga li kellu kienet fin-Nunzjatura Apostolika fil-Paragwaj. Wara ssejjaħ għal servizz fis-Segretarjat ta' l-Istat tal-Vatikan, fit-taqsima dedikata għar-relazzjonijiet ma' l-Istati.

Mons. Gatti huwa fluwenti fil-Franċiż, l-Ispanjol, l-Ingliż u t-Taljan.

28 ta' Ġunju 2001

# IPPUBBLIKAT L-AĦĦAR RAPPORT IMĦEJJI MINN DUN BENNY TONNA DWAR IS-SINJALI TAŻ-ŻMINIJIET

*Maintaining Momentum* huwa l-isem tar-rapport fis-sensiela dwar is-sinjali taż-żminijiet li Dun Benny Tonna kkonkluda dwar is-sena 2000 proprju fil-jiem ta' qabel ma miet, fit-8 ta' Marzu 2001, fl-età ta' 69 sena.

Dun Benny Tonna beda din is-sensiela ta' studji fis-sena 1993 bħala Direttur ta' l-Istitut tal-Knisja f'Malta għar-Riċerka dwar is-Sinjali taż-Żminijiet.

L-aħħar studju mmexxi minnu jiffoka fuq il-ġrajjiet f'Malta fis-sena 2000. L-istudju jeżamina x'effett kellhom ix-xejriet kulturali, ekonomiċi, politiċi u soċjali fuq il-ħajja tan-nies. Huwa jikkonkludi li l-valur li jispikka l-iżjed f'dan il-kontest huwa dak tal-bini ta' ordni ġdid.

L-istudju jgħid li l-messaġġ tas-sena 2000 kien dominat mill-ġrajjiet dwar ristrutturar, tiġdid, liġijiet ġodda u l-proposta ta' sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

Kollox ma' kollox, juri r-rapport, is-sinjal il-kbir taż-żminijiet fis-sena 2000 kienet id-diskussjoni dwar l-isfidi li tippreżenta l-proposta għal sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

Ir-rapport jasal għall-konklużjoni li, fis-sena 2000, il-pass li kienet tinsab miexja bih is-soċjetà ċivili Maltija żamm ir-ritmu tiegħu. Jikkonkludi wkoll li l-istess jista' jingħad dwar iċ-ċiviltà ta' mħabba f'Malta.

Kopji ta' l-istudju jistgħu jinkisbu mill-Istitut *Discern*, Kurja ta' l-Arċisqof.

2 ta' Lulju 2001

# KTIEB ĠDID DWAR IS-SALMI

Dun Karm Attard, studjuż tal-Bibbja, ippreżenta lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca kopja tal-ktieb il-ġdid tiegħu *Ejjew Nifhmu s-Salmi.*

Il-ktieb tas-Salmi, li hu wieħed mill-kotba tal-Bibbja, jiġbor fih 150 poeżija li bihom il-Lhud kienu jfaħħru lil Alla u jitolbuh il-grazzji li jkollhom bżonn. Ġesù nnifsu kien jagħmel użu minn dawn il-poeżiji fit-talb tiegħu u, fuq l-eżempju ta' Ġesù, l-Insara komplew jitolbu b'dawn il-poeżiji huma wkoll.

Peress li l-mod kif kienu jesprimu ruħhom il-poeti li sawru s-Salmi, aktar minn elfejn sena ilu, kien differenti mill-mod kif nesprimu ruħna llum, l-Għaqda Biblika Maltija talbet lil Dun Karm Attard biex iħejji ktieb li l-iskop tiegħu jkun li jgħin lil dak li jkun jifhem aħjar x'jingħad fis-Salmi.

Dun Karm Attard qassam is-Salmi fi 13-il grupp. Fosthom hemm salmi ta' Tifħir, Salmi ta' Fiduċja u Salmi ta' Radd il-Ħajr. Huwa juri wkoll il-messaġġ li joħroġ minn kull grupp ta' salmi.

Qabel kull Salm, l-awtur jagħti tagħrif dwar fuqhiex jitkellem is-Salm. Wara kull Salm, imbagħad, huwa jfisser aktar fit-tul id-dettalji li fehmu l-awturi antiki u jispjega kif il-bniedem tal-lum jista' japplika t-tagħlim tas-Salmi għalih ukoll.

Il-ktieb *Ejjew Nifhmu s-Salmi* jinkludi 16-il stampa bil-kulur: stampi li juru xeni ta' l-Art Imqaddsa u ħwejjeġ oħra li jissemmew fis-Salmi. Fih ukoll tliet mapep li juru fejn kienu jgħixu l-poeti li kitbu s-Salmi.

Kopji tal-ktieb *Ejjew Nifhmu s-Salmi* jistgħu jinkisbu mill-Għaqda Biblika Maltija, 62, Triq il-Miratur, Floriana (Tel: 220318).

4 ta' Lulju 2001

# MESSAĠĠ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'Quddiesa fl-okkażjoni tal-187 Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija (12 ta' Lulju 2001)

## QALBIENA U UMANI

L-iskop ewlieni ta' din il-laqgħa tagħna annwali fl-okkażjoni ta' l-Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija hu biex inroddu ħajr lill-Mulej għall-għajnuna kollha li huwa jagħti lill-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom u biex nitolbuh ikompli jidderiġikom ħalli tagħrfu timxu dejjem skond ir-rieda tiegħu.

Illum inħoss li għandi nżid nirringrazja wkoll lill-Mulej għall-għajnuna li huwa ta lilkom il-pulizija fil-qadi tar-responsabbiltajiet partikolari li kellkom fiż-Żjara li l-Papa għamel fostna xahrejn ilu. Ix-xogħol li sar mill-pulizija kien apprezzat minn kulħadd.

Kulħadd għaraf li l-pulizija għamiltu biċċa xoghol tajba li għenet ħafna biex l-attivitajiet ippjanati setgħu jseħħu b'wiċċ il-ġid u b'mod li jagħmel ġieħ lilna lkoll u lil pajjiżna.

Din l-okkażjoni toffrili l-opportunità biex nesprimilkom il-gratitudni tiegħi u tal-Knisja. Prosit u grazzi mill-qalb.

### Diskreti u effettivi

Kien hemm min qal li fiż-żjara tal-Papa l-pulizija kontu diskreti u effettivi.

Dan hu apprezzament ġust u misthoqq.

Hu wkoll apprezzament li jfakkarna hemm il-pulizija tkunu qed tinvesti fl-istima tal-poplu lejkom meta s-servizz tagħkom tagħrfu tagħtuh mingħajr storbju żejjed, iżda b'mod li jħalli r-riżultati mixtieqa u meħtieġa.

Ħafna drabi dan ikun jitlob minnkom – u mill-familji tagħkom – sagrifiċċji li forsi ħadd ma jkun jaf kemm ikunu kbar jew fit-tul.

Imma kif nafu lkoll, il-Mulej, fl-imħabba u l-ħniena bla tarf tiegħu jagħraf u jqis kollox.

Il-Ħallieq żgur jippremja b'mod abbundanti lil kull min jaħdem biex jgħin lill-bnedmin jgħixu tassew bħal aħwa u skond ir-rieda tiegħu.

## Rispett lejn il-bniedem

Il-Pulizija għandkom sehem importanti ħafna x'tagħtu biex kulħadd f'pajjiżna jkun jista' jgħix fi klima ta' rispett lejn il-persuna umana u l-valuri umani.

Biex dan ikun jista' jseħħ hu meħtieġ li intom, l-għâssiesa ta' l-ordni u tal-liġi, tieħdu ħsieb issawwru dawn il-valuri nobbli ġewwa fikom u tgħożżuhom bis-sħiħ.

Jekk, bħala individwu u lkoll flimkien, kulħadd skond ir-responsabbiltà tiegħu, nonqsu milli nostnu dawn il-valuri, li għeruqhom insibuhom fit-tradizzjonijiet umani u Nsara, is-soċjetà tbati żgur.

Inħeġġiġkom biex ma tehdew qatt tħabirku, individwalment u flimkien, biex tipproteġu lill-membri kollha tas-soċjetà, speċjalment lil dawk fosthom li huma l-iżjed dgħajfa u vulnerabbli quddiem min ma jafx x'inhu rispett lejn id-drittijiet ta' ħaddieħor, lejn l-ordni u lejn il-liġi.

## Serjetà, kredibbilità u integrità

Is-saħħa tal-ħarsien tad-drittijiet tan-nies u ta' l-għajxien xieraq fil-pajjiż tiddependi ħafna mis-saħħa ta' l-operat tal-pulizija quddiem l-abbuż ta' min, b'mod sfaċċat jew b'mod fin, jitfa' l-liġijiet wara dahru, jew saħansitra jgħaffiġhom taħt saqajh, spiss f'xenarju ta' *bullying*, arroganza, prepotenza, egoiżmu u deni ieħor simili.

Din is-saħħa l-pulizija tiksbuha minn kemm, fil-qadi ta' dmirijietkom, individwalment u flimkien, tkunu kapaċi tipproġettaw xbiha ta' serjetà, kredibbilità u integrità.

Xbiha bħal din tgħinkom tiksbu u tkabbru l-fiduċja tal-poplu fikom – ħaġa li, minnha nfisha, tinkuraġġixxi lin-nies biex jgħinukom dejjem iżjed fil-qadi ta' dmirijietkom u fil-ħarsien tal-liġijiet.

Meta l-poplu jara fikom, bħala korp, protettur qalbieni, effikaċi u effiċjenti li jaf ikun sod u uman fl-istess ħin, il-poplu żgur li jgħożżkom u jħobbkom aktar.

## Is-sejħa tal-Vanġelu

Waqt li qed ngħidilkom dan, inħoss li għandi nfakkarkom ukoll fis-sejħa, li għandna kull wieħed u waħda minna, għall-qdusija.

Il-qdusija tfisser li dak li jkun jgħix bis-sħiħ il-virtujiet ta' l-Evanġelju fis-sitwazzjonijiet konkreti tal-ħajja ta' kuljum.

Dan jgħodd ukoll għalikom il-pulizija.

Jgħodd mhux biss fil-ħajja privata tagħkom, imma wkoll fil-ħajja tax-xogħol – speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn tkunu tridu tieħdu deċiżjonijiet tqal jew tkunu tridu tagħmlu ċerti sagrifiċċji.

Il-virtujiet tal-Vanġelu jridu jidhru fikom f'kull ma tagħmlu:

- fil-mod kif iġġibu rwieħkom ma' xulxin fuq ix-xogħol, fejn tridu turu mħabba Evanġelika għal xulxin u lealtà sħiħa lejn id-dinjità ta' xulxin;
- fil-mod kif iġġibu rwieħkom ma' dawk suspettati jew misjubin ħatja ta' ksur tal-liġi; u
- fil-mod kif iġġibu rwieħkom mal-pubbliku in ġenerali, fejn hu mistenni minnkom li timxu dejjem dritt u b'sens ta' dixxiplina personali tali li ma jkun qatt li xi ħadd fostkom jaqa' fin-nassa ta' l-abbuż tal-poter.

Kull wieħed u waħda minna nistgħu naslu sal-qdusija billi nwettqu dmirijietna fedelment u b'ġenerożità, skond l-istat tagħna fil-ħajja.

Ħajjitna trid tkun talba kontinwa lill-Ħallieq biex jgħinna nagħmlu dejjem ir-rieda tiegħu.

Il-Mulej Alla, tant għani fil-grazzja u fil-ħniena, żgur jisma' talbna, speċjalment meta aħna nfittxu l-għajnuna tiegħu bl-interċessjoni ta' Ommna Marija.

Quddiesa fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija<br>Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2001

# MESSAĠĠ ta' l-Arċisqof dwar is-servizz tal-missjunarji Maltin

## Teżor pastorali kbir u distint

*Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca llum – il-Ġimgħa, 20 ta' Lulju 2001 – se jiltaqà' ma' saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja f'pajjiżi oħrajn u li bħalissa jinsabu Malta għall-btajjel tagħhom. Il-laqgħa se ssir f'Dar l-Emigrant, Valletta, fis-6.30 p.m. Din l-okkażjoni tiġi organizzata kull sajf mis-Segretarjat għas-Saċerdoti Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna. Fiha, il-missjunarji jkollhom l-opportunità li jitkellmu ma' Monsinjur Arċisqof dwar l-esperjenzi tagħhom fil-ħidma pastorali u missjunarja li qed iwettqu. Dan li ġej hu l-ġist tal-messaġġ li Mons. Arċisqof ħejja għall-okkażjoni:*

Wieħed mill-iżjed teżori pastorali kbar u distinti li għandha l-Knisja f'Malta huwa intom – l-għadd kbir ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li ħallejtu kollox warajkom biex mortu taqdu lil Kristu u twasslu l-Vanġelu tiegħu f'artijiet oħra, ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

Ħafna minnkom tagħmlu dan mhux biss għal bosta u bosta snin, imma wkoll b'ħafna sagrifiċċji u riskji personali. Fostkom ikun hemm ukoll min jibqa' jaħdem fil-missjoni sa l-aħħar nifs ta' ħajtu.

Permezz tagħkom, il-poplu ċkejken imma b'qalb kbira tagħna qed jagħti kontribut għani ħafna fl-artijiet fejn l-għarfien u l-aċċettazzjoni ta' Kristu u l-Vanġelu għadhom qed ixettlu jew jissaħħu.

F'pajjiżna, kulħadd japprezza u jgħożż ix-xogħol li intom twettqu b'tant imħabba, ġenerożità u impenn. Nistgħu ngħidu, infatti, li dan l-eżempju tajjeb tagħkom għandu rwol kbir f'dak li jqanqal lill-poplu tagħna biex jagħti appoġġ finanzjarju tant ġeneruż b'riżq proġetti missjunarji.

Mill-banda l-oħra, fi żmien meta l-popolazzjoni tas-saċerdoti u r-reliġjużi f'pajjiżna kull ma jmur qed titnaqqar jew tixjieħ, jista' jkun hemm min isibha diffiċli jifhem għaliex intom għadkom tħossu l-bżonn

li tmorru tagħtu servizz f'pajjiżi oħra, minflok ma tibqgħu hawn biex taqdu lill-poplu ta' Alla f'pajjiżna.

Lili dan ma jfixkilnix. Nixtieq ħafna li l-vokazzjonijiet f'pajjiżna jkunu iżjed milli huma. Kuljum nitlob lill-Mulej biex jibgħatilna ħaddiema ġodda fl-għalqa tiegħu fostna. Iżda kull meta xi saċerdot, reliġjuż jew lajk juri x-xewqa li jmur jaħdem għall-Mulej f'pajjiż ieħor, jiena xorta waħda nifraħ u nirringrazzja 'l Alla.

Irrid nirringrazzjakom ilkoll għal dak kollu li intom qed twettqu għall-imħabba ta' Alla. Inroddilkom ħajr u, fl-istess ħin, inħeġġiġkom biex tkunu dejjem iżjed profeti veri ta' Alla, li hu dejjem għani fil-ħniena.

Nassigurakom li, għalkemm il-bniedem modern huwa kundizzjonat mill-ħafna attrazzjonijiet ta' soċjetà li spiss hi moħħha fil-flus u l-ġid ta' din id-dinja, bl-egoiżmu li dan iġib miegħu, il-bniedem xorta waħda jibqa' jagħraf u jifraħ bil-ħidma ta' min bħalkom jagħti xiehda ta' imħabba mingħajr interessi.

Jalla kull att ta' mħabba li intom twettqu biex twasslu d-dija tat-tagħlim ta' Kristu jgħin biex min għadu ma ltaqax ma' Kristu, jew inkella għandu idea żbaljata tiegħu, isir jafu kif verament hu: il-Feddej Uniku tal-Bniedem.

**NOTA**: L-għadd ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja f'artijiet oħra bħalissa huwa 888.

Dawn huma mqassmin hekk:

Saċerdoti Djoċesani (Qassisin) – 135 Maltin u 45 Għawdxin.
Saċerdoti u Aħwa Reliġjużi Rġiel (Patrijiet) – 215.
Reliġjużi Nisa (Sorijiet) – 390.
Lajċi: 14-il koppja; 58 raġel; 18-il mara.

# ORDINAZZJONI TA' SEBA' SAĊERDOTI ĠODDA

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jordna seba' saċerdoti ġodda – erbgħa djoċesani u tlieta reliġjużi ġodda. L-Ordinazzjoni se ssir nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Awissu 2001, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.30 p.m.

Il-presbiteri l-ġodda huma dawn:

| **Isem** | **Parroċċa** | **Data Twelid** |
|---|---|---|
| Charlo Camilleri O'Carm | Gżira | 24.03.75 |
| Christopher Caruana OP | Gwardamanġa | 23.04.75 |
| Joseph Cilia | Mosta | 30.12.71 |
| Martin Cilia MSSP | B'Kara (S. Elena) | 01.12.71 |
| David Muscat | Mosta | 29.06.70 |
| Albert Schembri | Ħal Luqa | 29.06.73 |
| Norman Zammit | Żurrieq | 03.08.73 |

# MISSJUNARJU MALTI JSIR ISQOF

Il-Papa ħatar lil Patri Roberto Camilleri O.F.M. bħala Isqof Awżiljarju tad-Djoċesi ta' Esperitu Santo f'Tegucigalpa, fil-Honduras. L-Isqof-elett twieled il-Ħamrun fl-1951 u ġie ordnat saċerdot fl-1975. Id-Djoċesi ta' Esperitu Santo għandha popolazzjoni ta' 1,858,702, li minnhom 1,519,352 huma Kattoliċi. Fiha hemm 151 saċerdot, djaknu permanenti wieħed, u 319 reliġjuż.

26 ta' Lulju 2001

# STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET MALTIN
## dwar ir-relazzjonijiet fix-xena politika

Ix-xena politika nazzjonali bħalissa hija maħkuma minn skambji mqanqla prinċipalment dwar x'għandhom ikunu r-relazzjonijiet futuri ta' pajjiżna ma' l-Unjoni Ewropea u dwar il-kummissjoni elettorali u l-operat tagħha.

L-atmosfera hija tqila tant li, minn żmien għall-ieħor, qed ifeġġ ukoll ċertu kliem iebes li jkompli jtaqqal is-sitwazzjoni u jbiegħed iktar in-nies minn xulxin.

Mhux ix-xogħol tal-knisja li tindaħal fil-ħidma tal-politiċi u l-partiti tagħhom bħala tali. Madankollu, il-Knisja hija fid-dover li tfakkar lil kulħadd li l-bniedem, u d-dinjità umana, iridu jiġu l-ewwel u fuq kull interess politiku u ideoloġiku.

Meta nħarsu lejn l-imgħoddi nindunaw maljar li kull darba li f'pajjiżna feġġew kwistjonijiet li nisslu diverġenzi qawwija bejn l-oqsma politiċi ewlenin, is-soluzzjonijiet instabu biss meta kulħadd fehem li jinkisbu iktar vantaġġi bil-ftehim u r-rikonċiljazzjoni milli bit-tilwim, il-kliem iebes u l-ħitan tal-firda.

Aħna l-isqfijiet inħossu li għandna nfakkru li r-relazzjonijiet bejn gvern u oppożizzjoni jridu jkunu relazzjonijiet ta' komplimentarjetà li, f'sistema demokratika, fl-aħħar mill-aħħar għandha twassal għal sura ta' kollaborazzjoni organika.

Hemm bżonn li l-oqsma politiċi tagħna jassiguraw li ma jkun qatt li d-diverġenzi ta' bejniethom, huma x'inhuma, inisslu xi sogru li l-arloġġ jitreġġa' lura lejn żminijiet jew attitudnijiet li kull min iħobb tassew lil pajjiżna jittama li għaddew biex ma jerġgħu jiġu qatt iżjed.

Huma jridu jaċċertaw ukoll li f'kull ma jipproponu, jgħidu u jagħmlu jkunu dejjem promoturi u difensuri tal-verità sħiħa, tas-sewwa, tal-ġustizzja, tal-maħfra, tas-solidarjetà, tal-ħarsien tad-drittijiet ta' kulħadd, tal-bini tal-ġid komuni u ta' l-għaqda nazzjonali.

Aħna qegħdin ngħidu dan għax nemmnu li, minkejja kollox, kull naħa trid u tixtieq li pajjiżna jibqa' demokratiku u paċifiku, fejn id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tiegħu huma mħarsin kif imiss.

Nistiednu lill-membri kollha tal-Knisja f'Malta biex jitolbu 'l Alla

jgħin lill-politiċi tagħna jagħrfu jsegwu t-triq tad-djalogu flessibbli u ġenwin mibni fuq is-sens ta' fiduċja f'xulxin u l-ħerqa sinċiera li – ukoll dwar il-kwistjoni ta' l-Unjoni Ewropea u dik tal-kummissjoni elettorali – isibu u jwettqu flimkien is-soluzzjonijiet xierqa meħtieġa biex ikunu assigurati l-ogħla interess nazzjonali, kif ukoll l-għaqda u s-serħan tal-moħħ tal-poplu kollu.

✠ ĠUŻEPPI MERCIECA, Arċisqof ta' Malta

✠ NIKOL Ġ. CAUCHI, Isqof ta' Għawdex

✠ ANNETTO DEPASQUALE, Isqof awżiljarju ta' Malta

27 ta' Lulju 2001

# NUNZJU APOSTOLIKU ĠDID GĦAL MALTA

Il-Papa Ġwanni Pawli II innomina lil Mons. Arċisqof Luigi Conti bħala Nunzju Apostoliku għal Malta. Mons. Conti twieled f'Ceprano (Frosinone) l-Italja, fit-2 ta' Marzu 1929. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Settembru 1954 u għandu dottorat fil-liġi Rumana u kanonika.

Mons. Conti beda s-servizz tiegħu fil-korp diplomatiku tas-Sante Sede fil-UNESCO.

Fit-2 ta' Awissu 1975 Mons. Conti ġie nnominat Nunzju Apostoliku f'Haiti u Delegat Apostoliku f'Antille.

Mid-19 ta' Novembru 1983 huwa beda jservi bħal Nunzju pro-apostoliku fl-Iraq u l-Kuwait, waqt li fit-12 ta' April 1991 sar Nunzju Apostoliku fl-Ekwador.

Fil-15 ta' Mejju 1999 Mons. Conti ġie nnominat Nunzju Apostoliku fit-Turkija u t-Turkmenistan.

F'Malta, Mons. Conti se jkun is-suċċessur ta' Mons. Arċisqof Luigi Gatti, li fi tmiem Ġunju li għadda ġie nominat Nunzju Apostoliku fil-Lebanon.

Mons. Conti hu fluwenti fil-Franċiż, Spanjol u Ġermaniż.

8 ta' Awissu 2001

# IMUT SAĊERDOT AWSTRALJAN LI GĦEN ĦAFNA LILL-MALTIN

Tħabbret il-mewt, fl-età ta' 101 sena, tas-saċerdot Awstraljan Mons. George Crennan O.B.E., l-ewwel direttur tal-*Federal Catholic Immigration Committee (FCIC) Australia*, li kien benefattur kbir ta' l-emigranti Maltin.

Fi żmien l-emigrazzjoni tal-massa minn Malta, mill-1950 sal-1970, Mons. Crennan għen kemm seta' lill-Kummissjoni Emigranti ta' Malta fis-servizzi tagħha lill-emigranti Maltin u lill-familji tagħhom. Huwa kien jagħti ħafna appoġġ lil Malta wkoll fl-*International Catholic Migration Commission (ICMC)*, li hija bażata f'Ginevrà. Mons. Crennan kien membru fundatur ta' l-ICMC u għal ħafna snin serva fil-kumitat governattiv tagħha. Kien ukoll ħabib ta' Malta fil-Kunsill Pontifiċju għall-Emigrazzjoni f'Ruma.

Ma' Mons. Crennan u bil-għajnuna tiegħu daħlu wkoll jaħdmu l-Awstralja, b'riżq l-emigranti Maltin, madwar 125 saċerdot Malti. Huwa kien jieħu ħsieb ukoll jgħaddi n-*nominal rolls*, jew l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-emigranti li kienu jmorru l-Awstralja bil-vapur jew bl-ajruplan, lill-kappillani tal-parroċċi fejn l-emigranti kienu jkunu se jmorru joqogħdu, ħalli jkunu jistgħu jgħinuhom fil-ħtiġiet tagħhom.

Mons. Crennan ġie Malta darbtejn. L-ewwel darba kienet meta twaqqaf is-*Single Young Women Migrants' Scheme*. It-tieni darba kienet meta ġie jagħti l-appoġġ tiegħu lil korsijiet ta' għajnuna lill-emigranti, bħal dwar orjentament u tisħiħ fl-għarfien ta' l-ilsien Ingliż.

Mons. Crennan kien nominat kanonku onorarju tal-kolleġġjata ta' Sant'Elena, Birkirkara.

Mons. Crennan baqa' attiv sas-sena 1995, meta rtira minn direttur tal-*Federal Catholic Immigration Committee* ta' l-Awstralja, u ngħata l-*Austcare Paul Cullen Award.*

Ma' l-aħbar tal-mewt ta' Mons. Crenan, Mons. Philip Calleja, direttur tal-Kummissjoni Emigranti, wassal is-simpatiji tal-Kummissjoni lil Fr. John Murphy, direttur ta' l-*Awstralian Catholic Migrant and Refugee Office*, Canberra, kif ukoll lill-ICMC f'Ginevra.

8 ta' Awissu 2001

# L-ARĊISQOF JILTAQA' MA' L-AMBAXXATUR PALESTINJAN

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca dalgħodu, 31 ta' Awissu 2001, iltaqa' mas-Sur Awadh Sobhi Yakhlef, Ambaxxatur Palestinjan, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana.

Fil-laqgħa tagħhom, Mons. Arċisqof u l-ambaxxatur tkellmu dwar il-qagħda ta' bħalissa fil-lvant nofsani, partikolarment il-mewġa persistenti ta' vjolenza qawwija li qed tkompli tikkaġuna numru dejjem akbar ta' vittmi, fuq kollox fost il-popolazzjoni ċivili u bla difiża, waqt li qed tilħaq ukoll postijiet sagri.

L-Arċisqof Mercieca esprima n-niket kbir tiegħu għal-lista twila ta' vittmi kaġun tal-vjolenza li issa ilha sejra kważi sena.

L-Arċisqof żied jgħid li, kif qal il-Papa Ġwani Pawlu II fil-laqgħa li kellu mas-Sur Yasser Arafat, President ta' l-Awtorità Palestinjana, fit-2 ta' Awissu 2001, hu assolutament neċessarju li tinġieb fi tmiemha kull sura ta' vjolenza, sew jekk b'riżultat ta' azzjoni sew jekk bi tpattija.

Mons. Mercieca awgura li kull naħa jirnexxilha, bl-għajnuna tal-komunità internazzjonali, tagħraf il-bżonn urġenti li tersaq madwar il-mejda tan-neguzjati, li jibqgħu l-uniku mezz li kapaċi jnissel tama vera ta' ftehim ġust u paċi dejjiema.

L-Arċisqof assigura lill-Ambaxxatur mit-talb kontinwu tiegħu għal paċi dejjiema fil-lvant nofsani. Huwa għarraf ukoll lill-ambaxxatur bil-ħsieb tiegħu li jinkuraġixxi t-talb, bl-istess intenzjoni, fil-quddies fil-knejjes ta' Malta u Għawdex.

# SESSJONI ĠDIDA TAL-KUNSILL PRESBITERALI

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca inawgura sessjoni ġdida tal-Kunsill Presbiterali għas-snin 2001 – 2004.

Il-ftuħ tas-sessjoni sar il-lum, is-Sibt, l-1 ta' Settembru 2001, b'adorazzjoni fil-kappella tal-Kurja ta' l-Arċisqof.

Dun Charles Cordina nħatar bħala moderatur, waqt li Dun Ruben Deguara nħatar segretarju.

Fl-ewwel laqgħa tas-sessjoni l-ġdida l-Kunsill Presbiterali ngħata tagħrif dwar il-progress li qed isir fis-Sinodu Djoċesan.

Saret ukoll diskussjoni fuq il-ħajja u l-ministeru tas-saċerdot minn tliet aspetti: appoġġ personali u fil-ministeru tiegħu; evalwazzjoni regolari tal-ħidma tiegħu; u r-remunerazzjoni li jirċievi.

Il-Kunsill Presbiterali, li hu s-senat ta' l-Arċisqof, hu ffurmat minn 42 saċerdot djoċesan u reliġjuż. Għoxrin minn dawn is-saċerdoti huma eletti minn sħabhom biex jirrappreżentawhom. It-22 l-oħra huma membri minħabba l-kariga tagħhom jew għax magħżulin mill-Arċisqof.

Il-Kunsill Presbiterali għandu d-dmir li, bil-pariri tiegħu, jgħin lill-Isqof fit-tmexxija tad-djoċesi.

# JUM TA' TALB U TA' GĦAJNUNA GĦALL-ART IMQADDSA

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Settembru 2001, fl-Arċidjoċesi ta' Malta se tiġi ċelebrata ġurnata ta' talb u ta' għajnuna għall-Art Imqaddsa.

F'ċirkolari maħruġa minn Mons. Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali, l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta nnotaw, b'niket u dispjaċir, li din is-sena l-inkwiet u l-ġlied u t-tixrid ta' demm fl-Art Imqaddsa mhux talli ma naqsux, iżda żdiedu b'mod allarmanti.

"M'għandniex naqtgħu qalbna. Anzi għandna nżidu t-talb tagħna u noffru sagrifiċċji biex f'din l-art, li fiha twieled, għex, ippriedka, fejjaq, bata, miet u rxoxta Sidna Ġesù Kristu jinkiser iċ-ċirku ta' vjolenza u mibegħda, u bl-għajnuna ta' Alla tibda sseħħ u tagħti frott ħidma ta' rikonċiljazzjoni u paċi bejn dawk kollha li jgħixu f'din l-art għażiża," tgħid iċ-ċirkolari maħruġa minn Mons. Depasquale.

Filwaqt li jfakkar li l-aħwa insara li jgħixu fl-Art Imqaddsa qed jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet għall-ħajja materjali, kulturali, soċjali u reliġjuża tagħhom, l-Isqof Depasquale sejjaħ għal talb lil Alla għal dawn l-aħwa u jistieden lill-membri tal-Knisja f'Malta biex jippruvaw jgħinuhom ukoll materjalment.

Iċ-ċirkolari tispjega li l-għajnuna materjali tista' tingħata "billi nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna fil-ġabra li sejra ssir fil-quddies kollu li jiġi ċelebrat fil-knejjes tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 15 u 16 ta' dan ix-xahar."



ISBN: 99932-616-3-7 PRODUZZJONI TAL-MEDIA CENTRE